32006L0002

L 5/10 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* 10.1.2006

DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2006/2/KE

tas-6 ta' Jannar 2006

li temenda, għall-finijiet ta' l–adattazzjoni tagħha għall-progress tekniku, l-Anness II tad-Direttiva 96/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ċerti metodi għall-analiżi kwantitattiva ta' taħlitiet ta' żewġ fibri tat-tessut

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 96/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1996 dwar ċerti metodi għall-analiżi kwantitattiva ta' taħlitiet ta' żewġ fibri tat-tessut[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 5(2) tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 96/74/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1996 dwar ismijiet ta' tessuti[2] titlob l-ittikkettjar biex jindika l-kompożizzjoni tal-fibra tal-prodotti ta' tessuti, b'verifiki li qed jitwettqu permezz ta' analiżi dwar il-konformità ta dawn il-prodotti ma' indikazzjonijiet mogħtija fuq it-tikketta

(2) Il-metodi uniformi għall-analiżi kwantitattivi ta' taħlitiet ta' żewġ fibri tat-tessut huma stipulati fid-Direttiva 96/73/KE

(3) Fuq il-bażi ta' sejbiet ta' dan l-aħħar minn grupp ta' ħidma tekniku, id-Direttiva 96/74/KE ġiet adattata għall-progress tekniku, permezz taż-żieda tal-fibri tal-*polylactide* u l-*elastomultieseter* mal-lista ta' fibri stipulata fl-Annessi I u II tad-Direttiva

(4) Huwa għalhekk meħtieġ li jiġu ddefiniti metodi uniformi ta' ttestjar għall-*polylactide* u l-*elastomultiester*

(5) Id-Direttiva 96/73/KE għandha għalhekk tiġi emendata kif xieraq

---

[1] ĠU L 32, 3.2.1997, p. 1 Id-Direttiva kif emendata bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1).

[2] ĠU L 32, 3.2.1997, p. 38. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2004/34/KE.

(6) Il-miżuri stipulati f'din id-Direttiva huma skond l-opinjoni tal-Kumitat għad-Direttivi relatati ma' l-Ismijiet ta' Tessuti u l-Ittikkettjar,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

L-Anness II tad-Direttiva 96/73/KE hija emendata skond l-Anness ta' din id-Direttiva

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard mis-6 ta' Jannar 2007. Huma għandhom minnufih jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet u tabella ta' korrelazzjoni bejn dawn id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

   Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn tali referenza fl-okkażżjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif għandha ssir tali referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 6 ta' Jannar 2006.

Għall-Kummissjoni

Gunter VERHEUGEN

Viċi President

ANNESS

Il-Kapitolu 2 ta' l-Anness II tad-Direttiva 96/73/KE huwa emendat kif ġej:

(1) Il-metodi speċjali – It-Tabella Sommarja qed tinbidel b'dan li ġej:

"**2. METODI SPEĊJALI – TABELLA SOMMARJA**

Metodi	Qasam ta' applikazzjoni		Reaġent
Nru 1	Aċetat	Ċerti fibri oħra	Acetone
Nru 2	Ċerti fibri ta' proteini	Ċerti fibri oħra	Hypochlorite
Nru 3	Viskuż, kupru jew ċerti tipi ta' modal	Qoton	Aċidu formiku u klorur taż-żingu
Nru 4	Poliamid jew najlon	Ċerti fibri oħra	Aċidu formiku, 80% m/m
Nru 5	Aċetat	Triaċetat	L-alkol tal-benżil
Nru 6	Triaċetat jew polylactide	Ċerti fibri oħra	Dichloromethane
Nru 7	Ċerti fibri ċellulożi	Poliester jew elastomultiester	Aċidu sulforiku, 75% m/m
Nru 8	Akriliċi, ċerti modakriliċi jew ċerti klorofibri	Ċerti fibri oħra	Dimethylformamide
Nru 9	Ċerti klorofibri	Ċerti fibri oħra	Disulfid tal-karbonju/acetone, 55.5/44.5 v/v
Nru 10	Aċetat	Ċerti klorofibri	Aċidu aċetiku glaċjali
Nru 11	Ħarir	Suf jew xagħar	Aċidu sulforiku, 75% m/m
Nru 12	Ġuta	Ċerti fibri ta' l-annimali	Metodu bil-kontenut ta' nitroġenu
Nru 13	Polipropelin	Ċerti fibri oħra	Xylene
Nru 14	Ċerti fibri oħra	Klorofibri (omopolimeri tal-klorur tal-vinyl)	Metodu ta' l-aċidu sulfuriku kkonċentrat

Nru 15	Klorofibri, ċerti modacrylics, ċerti elastani, aċetati, triaċetati	Ċerti fibri oħra	Cyclohexanone"

(2) Il-punt 1.2 tal-metodu Nru 1 qed jinbidel b'dan li ġej:

"2 suf (1), xagħar ta' l-annimali (2 u 3), ħarir (4) qoton (5), għażel (7) qanneb veru (8), ġuta (9) manilla (10), alfa (11), kajjar (12), ġummar (13), rami (14) sisal (15), kupru (21), modal (22), proteina (23), viskuż (25), akriliku (26), poliamid jew najlon (30), poliester (31) u elastomultiester (45)".

(3) Il-punt 1.2 tal-metodu Nru 2 qed jinbidel b'dan li ġej:

"2. qoton (5), kupru (21) viskuż (25), akriliku (26), klorofibri (27) poliamid jew najlon (30), poliester (31), polipropilene (33), elastane (39), fibra tal-ħġieġ (40) u elastomultiester (45) ".

(4) Il-punt 1.2 tal-metodu Nru 4 qed jinbidel b'dan li ġej:

"2; suf (1), xagħar ta' l-annimali (2 u 3) qoton (5), kupru (21), modal (22) viskuż (25), akriliku (26), klorofibri (27), poliester (31), polipropilene (33) fibra tal-ħġieġ (40) u elastomultiester (45)".

(5) Il-metodu Nru 6 huwa emendat kif ġej:

a) Il-punti 1, 2 tal-metodu Nru 6 qed jinbidlu b'dan li ġej:

"1. QASAM TA' APPLIKAZZJONI

Dan il-metodu huwa applikabbli, wara t-tneħħija ta' materja mhux fibruża, għal taħlitiet ta' żewġ fibri ta':

1. triaċetat (24) jew polilactide (33a)

ma'

"2. suf (1), xagħar ta' l-annimali (2 u 3) ħarir (4), qoton (5), kupru (21) modal (22), viskuż (25), akriliku (26), poliamid jew najlon (30), poliester (31), fibra tal-ħġieġ (40) u elastomultiester (45).

Nota

Il-fibri tat-triaċetat li jkunu għaddew minn fażi finali li twassal għall-idrolisi parzjali ma jibqgħux idubu għall-kollox fir-reaġent. F'każijiet bħal dawn, il-metodu mhuwiex applikabbli".

"2. IL-PRINĊIPJU

Il-fibri tat-triaċetat jew tal-polylactide jiddewbu minn piż xott magħruf tat-taħlita, bid-dichloromethane. Il-fdal jinġabar, jinħasel, jitnixxef u jintiżen; Il-piż tiegħu, li

jkun korrett jekk meħtieġ, huwa mfisser bħala perċentwali tal-piż xott tat-taħlita. Il-perċentwali tat-triaċitat jew tal-polylactide niexef jinstab bid-differenza".

b) Il-punt 5 qed jinbidel b'dan li ġej:

"5. IL-KALKOLU U T-TIFSIRA TAR-RIŻULTATI

Ikkalkula r-riżultati kif deskritt fl-istruzzjonijiet ġenerali. Il-valur ta' 'd' huwa ta' 1.00, għajr fil-każ tal-poliester u l-elastomultiester, li għalihom il-valur ta' 'd' huwa ta' 1.01".

(6) Il-punt 1.2 tal-metodu Nru 7 qed jinbidel b'dan li ġej:

"2. Poliester (31) u elastomultiester (45)".

(7) Il-metodu Nru 8 huwa emendat kif ġej:

a) Il-punt 1.2 qed jinbidel b'dan li ġej:

"2. suf (1), xagħar ta' l-annimali (2 u 3) ħarir (4), qoton (5), kupru (21) modal (22), viskuż (25), poliamid jew najlon (30), poliester (31), u elastomultiester (45)."

b) Il-punt 5 qed jinbidel b'dan li ġej:

"5. IL-KALKOLU U T-TIFSIRA TAR-RIŻULTATI

Ikkalkula r-riżultati kif deskritt fl-istruzzjonijiet ġenerali. Il-valur ta' 'd' huwa ta' 1,00 għajr fil-każijiet li ġejjin:

suf	1,01
qoton	1,01
kupru	1,01
modal	1,01
poliester	1,01
elastomultiester	1,01"

(8) Il-punt 1.2 tal-metodu Nru 9 qed jinbidel b'dan li ġej:

"2. suf (1), xagħar ta' l-annimali (2 u 3) ħarir (4), qoton (5), kupru (21) modal (22), viskuż (25), akriliku (26), poliamid jew najlon (30), poliester (31), fibra tal-ħġieġ (40) u elastomultiester (45)".

(9) Il-punt 1.2 tal-metodu Nru 13 qed jinbidel b'dan li ġej:

"2. suf (1), xagħar ta' l-annimali (2 u 3) ħarir (4), qoton (5), aċetat (19) kupru (21), modal (22), triaċetat (24), viskuż (25), akrilik (26), poliamid jew najlon (30), poliester (31), fibra tal-ħġieġ (40) u elastomultiester (45)".

(10) Il-punt 1.2 tal-metodu N° 14 qed jinbidel b'dan li ġej:

"2. qoton (5), aċetat (19) kupru (21), modal (22), triaċetat (24), viskuż (25), ċerti akriliċi (26), ċerti modakriliċi (29), poliamid jew najlon (30), poliester (31) u elastomultiester (45)".